MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 427/2004/1

**Glenda Farrugia f'isimha proprio**

**u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri Nicole Farrugia**

**u dan permezz tad-digriet datat 21 ta' Frar 2006**

**v.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tal-Qorti**

**datat 27 ta' Dicembru 2004 giet nominata Salvina Bugeja**

**bhala kuratrici sabiex tirraprezenta l-assi ereditarji tal-mejjet**

**Neville Bugeja**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni tal-attrici Glenda Farrugia u ta' bintha minuri Nicole Farrugia li permezz taghha ippremettew u talbu s-segwenti:-

> "Peress illi Nicole Farrugia twieldet fid-9 ta' Settembru, 1995 minn relazzjoni bejn l-attrici Glenda Farrugia u Neville Bugeja, bin il-mejjet Joseph u Salvina Bugeja nee` Zerafa;
>
> "Peress illi fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija Nicole Farrugia, taht il-kolonna 'Isem u kunjom ta' missier it-tarbija' gew registrati l-kelmiet 'unknown father' ossia missier mhux maghruf;
>
> "Peress illi l-imsemmi Neville Bugeja ma lahaqx irrikonoxxa lill-imsemmija Nicole Farrugia bhala bintu stante li huwa miet f'incident awtomobilistiku gimghatejn biss qabel ma twieldet it-tarbija Nicole u precizament fil-21 ta' Awwissu, 1995 kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt;
>
> "Peress illi l-attrici Glenda Farrugia ghandha interess u trid li jirrizulta l-istat reali ta' bintha minuri Nicole bhala bint il-mejjet Neville Bugeja.

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex, in vista tal-premess, m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“1. Tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri Nicole Farrugia huwa Neville Bugeja, llum mejjet;

“2. Tordna lill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri Nicole Farrugia, fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom missier it-tarbija' jigu kancellati l-kliem 'unknown father' ossia 'missier mhux maghruf' u jigu sostitwiti bil-kliem 'Neville Bugeja' u jigu registrati wkoll fl-istess att il-konnotati tal-imsemmi Neville Bugeja kif mehtieg, u cioe` billi fil-kolonna intestata 'Professjoni, sengha jew stat iehor' tinkiteb il-kelma 'handyman', fil-kolonna ntestata ‘eta` jitnizzel in-numru '20', fil-kolonna ntestata 'Fejn twieldu u joqghodu' jitnizzlu l-kliem 'Pieta` u 'Zurrieq' u fil-kolonna intestata 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet', jitnizzlu l-kliem 'Joseph - mejjet';

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom li jibqghu ingunti minn issa stess in subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li permezz taghha l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa s-segwenti:

“1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

“2. Illi ghandu jigi specifikat fit-tieni talba attrici n-numru progressiv ta' iskrizzjoni tal-Att ta' Twelid in kwistjoni li huwa 4294 tas-sena 1995 oltre d-dettal tan-numru tal-karta tal-identita` tal-allegat missier naturali Neville Bugeja biex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu dan ikun jista’ jigi inserit fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

> “3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> “4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m’huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti.
>
> “5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Salvina Bugeja li permezz taghha eccepiet:

> “1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni hija irrita u nulla peress illi persuna qatt ma tista' tirraprezenta "il-mejjet".
>
> “2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi stante illi l-allegat missier illum huwa mejjet.
>
> “3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici stante illi fiz-zmien in kwistjoni l-attrici kellha relazzjonijiet ma’ rgiel ohra.”

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fl-10 ta’ Dicembru 2013 li permezz taghha l-Qorti iddecidiet illi:

> “Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta Salvina Bugeja nomine, tiddisponi mir-

risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u tilqa' t-talbiet attrici bil-mod segwenti:-

"1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-mejjet Neville Bugeja huwa l-missier naturali tal-minuri Nicole Farrugia.

"2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri Nicole Farrugia, fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom missier it-tarbija' jigu kancellati l-kliem 'missier mhux maghruf' u jigu sostitwiti bl-isem 'Neville Bugeja' u mnizzla l-konnotati ta' Neville Bugeja kif mitlub u tkun maghrufa bil-kunjom 'Bugeja Farrugia'.

"Bl-ispejjez inkwantu ghal nofs mill-attrici Glenda Farrugia u n-nofs l-iehor mill-konvenuta kuratrici Salvina Bugeja."

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Ma hemm xejn f'dan l-artikolu illi jistipula li l-allegat missier ghandu jkun haj meta tigi intavolata l-kawza kontemplata fl-artikolu appena citat. Issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Catherine Abdilla vs Direttur tar-Registru Pubbliku et**" deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Lulju 2013 fejn gie dikjarat illi missier il-minuri ma kienx ir-ragel ta' omm it-tarbija izda persuna ohra li kien miet qabel giet intavolata l-kawza.

"Il-frazi "f'kull zmien" fl-Artikolu 86A turi illi lanqas hemm preskrizzjoni fir-rigward ta' tali azzjoni. Kieku l-Legislatur ried jillimita l-azzjoni bil-mod kif suggerit mill-kuratrici konvenuta, kien jistipula espressament tali limitazzjoni in omagg ghall-principju Ubi Lex Voluit Dixit. Il-limitazzjoni suggerita mill-kuratrici m'ghandhiex fondament legali u ghalhekk it-tieni eccezzjoni qed tigi respinta.

"**Tielet Eccezzjoni**.

“Fit-tielet eccezzjoni taghha l-kuratrici konvenuta eccepiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici stante illi fiz-zmien in kwistjoni l-attrici kellha relazzjonijiet ma’ rgiel ohra.

“Fix-xhieda taghha Salvina Bugeja tallega li fiz-zmien li l-attrici kienet qed tohrog ma’ binha hija kienet ukoll qed tifrekwenta guvintur ohra. Tghid li meta binha u l-attrici kienu jkunu jitkellmu bit-telefon hija kienet toqghod tissemma minn telephone iehor. Tghid illi kien hemm okkazzjonijiet fejn Neville Bugeja kien jghid lill-attrici li kien sejjer ghaliha biex johorgu u hi kienet tghidlu biex ma jmurx ghaliha ghaliex tkun hierga jew ma’ hadd iehor bl-isem Reuben jew mal-hbieb. Tirrakkonta kif wara l-mewt ta’ binha kien mar ghandha wiehed kunjomu Seisun u qalilha li t-tarbija tal-attrici setghat kienet jew tieghu jew tal-mejjet Neville Bugeja.

“Tiddeskrivi lill-attrici bhala persuna li fiz-zmien in kwistjoni kellha relazzjonijiet intimi ma’ persuni ohra.

“Dan huwa michud mill-attrici. Hija tichad li kellha relazzjoni intima ma’ Reuben Agius jew ma’ Godfrey Seisun kif qed tallega Salvina Bugeja. Agius u Seisun gew imsejha bhala xhieda quddiem il-Qorti u t-tnejn xhedu li kienu hbieb tal-attrici izda cahdu li kellhom relazzjoni intima jew sesswali mal-attrici.

“L-allegazzjoni ta’ Salvina Bugeja li l-attrici kellha relazzjonijiet intimi ma’ diversi rgiel ohra fiz-zmien tal-koncepiment tal-minuri ma gietx ippruvata.u ghalhekk it-tielet eccezzjoni qed tigi respinta.

“**DNA Test**.

“Kif gia’ spjegat *supra*, it-test tad-DNA fuq il-mejjet Neville Bugeja seta’ jsir billi saret l-ezumazzjoni tal-fdalijiet tieghu. It-test gie kondott mill-Ispizjara Dr Marisa Cassar bl-assistenza ta’ Dr Mario Scerri u l-Professur Hector Galea, ilkoll nominati bhala esperti gudizzjarji.

"Fir-rapport taghha tat-8 ta' Gunju 2011[1] Dr Marisa Cassar spjegat illi hija kienet gabret il-kampjuni orali tal-attrici Glenda Farrugia u tal-minuri Nicole Farrugia. Fl-20 ta' Dicembrui 2010 gabret kampjuni ta' snien u ta' ghadam li allegatament huma ta' l-allegat missier. Il-gbir ta' dawn il-kampjuni saru mill-kamra mortwarja fil-presenza ta' Dr Mario Scerri, il-Professur Hector Galea u s-Sur David Grima. Intuzaw diversi proceduri biex jinhareg id-DNA kemm mis-snien kif ukoll mill-ghadam. Biex inhareg il-profil genetiku ta' hmistax-il lok differenti u tal-lok tal-Amelogenin, tad-DNA tal-kampjuni, intuzat is-sistema tal-PCR, Power Plex 16. Ir-rizultat kien: Combined Paternity Index (CPI) : 391.54 filwaqt li Probability of Paternity : 99.75%.

"Dr Cassar spjegat li d-DNA mill-ghadam u mis-snien kien degradat hafna u minnhom hareg biss profit genetiku parzjali. Minn dan il-profil genetiku Dr Cassar waslet ghall-konkluzzjoni li mhux eskluz li l-mejjet Neville Bugeja huwa missier il-minuri Nicole Farrugia.

"Fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2011[2] Dr Marisa Cassar issejhet mill-konvenuta E sabiex tixhed in eskussjoni:-

"Dr Cassar spjegat illi hija kellha ghad-disposizzjoni sew is-snien kif ukoll diversi ghadam mill-kadavru tad-decujus. Kien il-femur li ta l-aktar rizultat peress li l-*long bones* huma l-aktar li jkollhom materjal ghal fini tat-testijiet tad-DNA:-

"D. Mela effettivament it-test li huwa pjuttost facli li wiehed jasal ghaliha, jigifieri t-test hu bbazat fuq 6 locuses. Qed nara li kull darba ghandek X fejn ir-rizultat fil-kolonna ta' l-allegat missier, ghalfejn dak l-X?

"R. X f' dan il-kaz huwa kif semmejna, d-DNA hu degradat u meta jkollok DNA baxx gieli xi alleles jimmissjaw, jigifieri tohroglok wahda u ma jkollokx allele ohra. Jiena dahhaltha bhala X, ma hrigtux bhala 15 15, biex inkun konservattiva fl-analizi tieghi, m' jien qed nassumi xejn, dahhaltu bhala X. Persuna tista' tkun allele 15 u allele 15, tkun wirtet 15 minghand l-omm u 15 minghand il-missier. Tista' tkun 15 18, wirtet 15 minghand l-omm u 18 minghand il-missier. F' dan il-kaz kellna rizultat ta' 15 biss. Issa 15 jista' jkun

[1] Fol. 274
[2] Fol. 367

dawn iz-zewg possibilities jew 15 15, jew 15 18. Kieku hadthom li hu 15 15 il-paternity index kien joghla hafna, allura jiena uzajt a *conservative method* fl-analizi ta’ l-istatistika.

“D. Allura wiehed m’ ghandux jippresumi illi l-X’ s huma l-istess numru?

“R. Le, le ma tistax tippresumi li huma l-istess numru ghax m’ humiex, huma ipotezi.

“D. Inti ghandek dawn li jiena qed nipprezentahom bhala li huma il-locuses differenti u inti ghandek it-tifel gej mill-omm u ghandek il-missier. Biex inti jkollok il-match inti t-tifel irid ikollu wahda miz-zewg kolonni gejjin mill-omm u wahda miz-zewg kolonni gejja mill-missier u dan isir wahda minn hawn u wahda minn hawn fuq kull rack pero’ effettivament il-match tieghek irnexxilha tigri biss fuq 6 minn dawn, naqblu?

“R. Hawnhekk qed naghmel it-tifel x’ wiret minghand l-omm, it-tifel x’ wiret minghand il-missier proprja u li kieku kien hemm ragel iehor fil-popolazzjoni li ghandu certu informazzjoni li jista’ jaqbel mat-tifel ukoll, dik li kien l-ezercizzju.

“D. U x’ irrizultalek?

“R. Li jista’ jaqbel minn dan il-lat.

“D. F’ liema sens jista’ jaqbel? Kemm effettivament huma dawk li huma identici ghat-tifel *at random*?

“R. Jiena qbilt hawnhekk f’sebgha (7)

– omissis –

“D. Inti ghidt li dawn l-alleles tar-*random*, hemm 7 li jaqblu ma’ tat-tifel pero’ dawn tar-random, huma identici kollha ghall-*actual father*?

“R. Le l-*profile* m’huwiex l-istess. L-unika zewg persuni li jista’ jkollhom profile l-istess huma *identical twins*.

“D. Pero’ hu l-missier u l-omm li ghandhom dak il-formazzjoni?

“R. Iva.

“D. Pero’ kieku inti kellek 7 stajt tghid illi isma’ seta’ kien il-missier imma meta kienu 14 qed teskludi li huwa l-missier ghax m’ghandux l-14 kollha qed naqblu?

“R. Iva.

“D. Qed nara wkoll illi minn dan it-tables, Glenda Farrugia, Nicole Farrugia u l-allegat misser, qed tohrog paternity index. Dak il-paternity index kif jirrizulta, minn fejn johrog?

“R. Il-paternity index jigi kkalkulat bhala zewg ipotezi, ipotezi 1, H0 jigifieri dan huwa l-missier, l-ipotezi li tirrifjuta dan mhux il-missier.

“D. Li kont qed insaqsi huwa din it-2.3

“R. Irrid infehmek, li huwa a *likelihood ratio*, jigifieri x’ inhu iktar cans li dan ir-ragel huwa missier din it-tarbija u l-ipotezi l-ohra x’inhu c-cans li dan il-missier (recte ir-ragel) m’huwiex (missier) it-tarbija, huwa ipotezi mqabbla ma’ l-ohra. F’ dan il-kaz biex tasal ghal dawn l-ipotezi trid tuza certu *statistics* li l-i*statistics* huma bbazati fuq il-popolazzjoni Maltija……………sar ……..studju biex naraw x’alleles jezistu fil-popolazzjoni Maltija.

"D. Pero' dan huwa studju li ghamiltu inti stess u ppubblikajtu inti stess?

"R. Iva, studju ppubblikat.

"D. Ippubblikat xi zmien ilu?

"R. Xi tlett snin ilu u tkun taf il-*frequencies* ghax biex tahdem dan il-*liklihood ratio* trid tuza l-*frequencies* u tinhadem din l-*equation* u johrog dak in-numru billi tuza l-*frequencies.*

"D. Jigifieri 2.36 paternity index, hija l-frekwenza bhala statistika fil-popolazzjoni Maltija illi ghandha alleles ta' 15 fil-kaz ta' missier, naqblu?

"R. Iva.

"D. Jigifieri l-persentagg huwa 2.36 meta tikkalkula kemm hemm persuni rgiel illi ghandhom bhala locus dss 1358 ghandu 15 alleles fid-DNA tieghu?

"R. 15 alleles f' dak il-locus iva.

"D. U kollha huma l-istess, jigifieri *it is a frequency in the Maltese population* illi ghandhom dak l-istess numru ta' alleles fil-profil taghhom f' kull locus separat?

"R. Iva, m' hijix il-frequency, hija l-*likelihood ratio.*

"D. Pero' dan huwa a *benchmark* li intom tuzaw fit-testijiet kollha taghkom?

"R. Il-frequencies iva, l-likelihood ratio jinbidel skont l-alleles.

“D. Din hija ghall-popolazzjoni Maltija biss?

“R. Din hija tal-popolazzjoni Maltija.

“D. Jigifieri inti diga’ qed teskludi l-possibilita’ illi l-missier jista’ jkun ta’ nazzjonalita’ differenti?

“R. Il-*frequencies* jinbidlu mal-popolazzjoni, biss ma jinbidlux daqshekk jigifieri mhux se jvarja l-istatistika daqshekk jekk per ezempju l-missier huwa ta’ nazzjonalita’ Taljana. Il-popolazzjoni Maltija m’hijiex daqshekk il’ boghod mill-popolazzjonijiet l-ohra ewropej.

“D. Pero’ probabilment se jkun hemm iktar differenza bejn dak li huwa persuna mediterranja ghal persuna li hija nordika per ezempju?

“R. Li ninnota imma ghall-inqas mill-esperjenza li ghandi li meta tkun persuna mhux ta’ nazzjonalita’ Maltija, r-rizultat joghla iktar u mhux jitbaxxa ghax hafna mill-alleles ikunu mhux daqshekk prezenti hawn Malta, ir-rizultat joghla mhux jitbaxxa generalment.

“D. Pero’ il-frekwenza hija bazata fuq *sample* ta’ kemm irgiel biex inti wasalt ghal dik il-frekwenza?

“R. Il-*population study* jrid isir fuq minimu ta’ 50.

“D. U inti effettivament dawn?

“R. Dawn fuq 100.

– omissis –

“D. Allura s-CPI, naqblu li dak huwa l-*multiplication* jew kif tasal ghalih? Il-*multiplication* tal-kolonna kollha, jigifieri 2.36 x 1.65 sakemm tasal li inti gibtha ghar-rizultat ta’ 391.54. Allura kif tasal minn dik ghal persentagg ta’ 99.75?

“R. Dak huwa *likelihood ratio*, jigifieri jfisser ic-cans li dan il-missier huwa missier C huwa ta’ 391 is to 1, jigifieri roughly, 1 is to 400.

“D. Jigifieri kull persuna minn kull 400 li hawn f’ Malta, tista’ tkun il-missier naqblu?

“R. Iva tista’ tpoggiha hekk.”

“Fis-seduta tal-1 ta’ Novembru 2012 Dr Marisa Cassar regghat giet imsejha mill-konvenuta Salvina Bugeja nomine:-

“R. “Jiena uzajt mod konservattiv, basically ghandi r-referenza fejn tghidlek hu in consideration in-null allels, xi haga li ma hargitx biex inti taghmel rizultat bilancjat la qed tiehdu estrem u lanqas qed tiehdu estrem iehor. Jiena fil-calculations tieghi hdimt b’ dak il-mod. Issa r-rizultat li urini gieh bhala combined paternity index ta’ 77. Jiena meta hdimt b’ mod konservattiv, gieni 391. Jekk isir mhux bil-mod konservattiv fl-estrem l-iehor fejn niehdu kollox homozygets jigi 4900, kwazi 5000. Jigifieri jiena hdimt b’ mod konservattiv. B’ liema mod tahdmu ma tistax tghid zgur mhux il-missier, jigifieri jekk jigi combined paternity index jigifieri biex zewg irgiel ikunu l-istess 1 in 77, jigifieri din il-mara marret ma’ 77 ragel f’ dak iz-zmien biex inzertat tnejn l-istess, tista’ tfisser hekk, jigifieri tahdimha b’ liema mod tahdimha, ir-rizultat ma nistghux ninnegawh. Ma nistghux nghidu le zgur hu, zgur hu u m’ hemmx dubju ghax ir-rizultati huma baxxi, sakemm ma niehux il-5000 li l-5000 jaqbez il-1000 li mbaghad nghid le zgur il-missier. Jigifieri meta qed nahdem jien b’ mod konservattiv, qed nghid jista’ jkun il-missier, jiena hdimt b’dak il-mod ghalhekk gew numri differenti.”

– omissis –

"R. "Le konkluzzjoni finali hija li jiena ma nistax nghid 100% bhal m' ghamilt miljun elf paternity li ghax harguli l-allels kollha li dan hu l-missier, ma nistax nghidha. Biss bl-ebda mod li l-allels li hargu ma nista' nghid zgur m' huwiex, jigifieri hemm id-dubju."

– omissis –

"R. "Le inti dejjem tahdem zewg hypothesis, fil-fatt jekk tara d-derivations ta' dawk il-formulas tieghek li ghadni kif se semmejtlek, inti tahdem b' zewg ipotezi, hu l-missieru u mhux il-missier. Fil-fatt f' dawk l-equations tieghek qed tohodhom f' zewg ipotezi, wiehed numerator u l-iehor denominator. Jekk id-denominator jigik iktar gholi min numerator jigi kontra u hemmhekk you negate paternity. Jigifieri inti in your formula dejjem ghandek iz-zewg ipotezi, mhux qed nghid le zgur il-missier jew mhux il-missier, jigifieri dejjem qed tarahom ma' xulxin, you are always doing a comparison u mbaghad skont il-value jew tghid negata paternita' jew huwa l-missier. I always start with the two, dejjem hekk tinhadem.

"D. Allura jekk inti ghidt illi l-livell fl-ewropa u sa fejn naf jien ahna Malta fl-ewropa qeghdin jintuza l-livell tal-1000 bhala t-threshold biex tigi stabbilit il-paternity, bic-certezza morali so to speak illi l-Qorti tista' tghid illi dan huwa l-missier, ghalfejn fil-konkluzzjoni tieghek ma semmejtx illi effettivament peress li ma ntlahaqx din it-threshold wiehed ghax int qed tghid li ma tistax teskludi li hu l-missier?

"R. Le qatt ma nista' neskludi, anki s-77 tieghek ma tistax teskludih.

"D. Naqbel pero' 77 jista' jkun li go dan il-bini stess jista' jkun hawn il-missier u l-missier li huwa mejjet, jigifieri hemm livelli ta' proporzjonalita'.

"R. If you put it to the basic raw kif tista' titkellem, basically riedet tmur ma' 77 ragel f' dawk il-jumejn tax-xahar biex tohrog pregnant biex sabet tnejn l-istess.

“D. Ghalfejn qed tghid hekk?

“R. Biex sabet tnejn l-istess.

“D. Imma inti qed tippresumi dejjem illi l-missier seta’ kien il-missier, meta ahna qed nghidu li hu mhux il-missier.

“R. Le inti qed tghid li tnejn min nies huma simili, jekk tnejn min nies huma simili c-cans li ssib iehor simili huwa 77. Jigifieri jekk iddahhal idek fil-borza trid taghmilha 77 darba biex ittella’ tnejn l-istess.

“D. Ma jfissirx li dawn is-77 persuna biss illi ghandha dik l-allel. Qed nghidu kull 77 persuna go Malta jista’ jkollha dawk l-allels.

“R. Jigifieri minn 77 ghandek ic-cans li ttella’ tnejn.

“D. Iva imma ghalfejn qed tghid li kellha torqod ma’ 77 persuna biex tasal ghal dak ir-rizultat?

“R. Biex issib tnejn l-istess, ghax wiehed minn kull 77 trid tohodha b’ dak il-lat.

“D. Jiena nifhimha li hi seta’ kellha relazzjoni ma’ aqbad il-popolazzjoni division by 77, dawn kollha jistghu jkunu l-missier.

“R. Iva iva hekk, imma jekk tahdimha bil-probabilta’, immagina f’ din il-kamra hawn 77, x’ inhu c-cans li ticcomba tnejn l-istess.”

“Dr Marisa Cassar spjegat illi fl-aghar ipotesi ghall-attrici il-probabilita’ li l-mejjet huwa missier il-minuri hija ta’ wiehed minn sebgha u sebghin ( 1:77) kif qed tikkontendi l-konvenuta E u fl-ahjar ipotesti ghall-attrici tista’ titla sa

wiehed minn hamest elef (1: 5,000) . Bil-mod konservattiv li bih mxiet Dr Marisa Cassar spjegat illi fil-fehma taghha l-probabilta’ li l-mejjet kien missier il-minuri hija ta’ wiehed f’kull erba’ mitt persuna (1:400) f’Malta.

“**Konsiderazzjonijiet dwar it-test tad-DNA**.

“Tenut kont li l-kalkolu accettabbli xjentifikament huwa probabilta’ ta’ 1000, il-Qorti hi tal-fehma illi mehud wahdu ir-rizultat xjentifiku milhuq mill-Esperta Gudizzjarja Dr Marisa Cassar ma jwassalx ghac-certezza morali li normalment test tad-DNA jipprovdi f’kazijiet ta’ paternita’ peress li hemm qabza bejn probabilta’ ta’ wiehed minn elf ghal probabilta’ ta’ wiehed minn erba’ mija. Pero’ ir-rizultat tat-testijiet xjentifici kondotti minn Dr Marisa Cassar huwa rilevanti u ghandhom piz probatorju rilevanti hafna fil-kawza odjerna.

“Dan qed jinghad peress li fil-kaz odjern il-prova xjentifika hija parti biss mill-kumpless tal-provi imressaq f’dawn il-proceduri. Gie sodisfacentement ippruvat illi meta l-attrici harget tqila bil-minuri hi u Neville Bugeja kienu f’relazzjoni intima. F’dan ir-rigward il-Qorti tirrimarka illi x-xhieda ta’ Salvina Bugeja, li f’dawn il-proceduri qed tirraprezenta l-assi ereditarji tad-decujus, hija kemmxejn kontradittorja. Filwaqt li f’parti tax-xhieda taghha tghid li d-decujus kien jghidilha li b’dak li ghamel l-attrici ma kellhiex tohrog tqila, f’parti ohra tax-xhieda taghha tghid li fl-ewwel mill-unici zewg okkazzjonijiet li l-attrici marret id-dar taghha din riedet tidhol tinhasel flimkien ma’ binha. Mad-daqqa t’ghajn tali asserzjoni mhijiex verosimili. Pero’ anke jekk ghas-sahha tal-argument tali verzjoni ghandha mill-verita’, dan juri illi l-intimita’ ta’ bejn l-attrici u iben il-konvenuta E kienet gia’ fis-sehh meta l-attrici harget tqila.

“Ghalkemm illum il-gurnata il-maggorparti tal-kawzi ta’ filjazzjoni jigu decizi ab bazi tar-rizultanzi mit-test tad-DNA, ghandu jinghad illi qabel ma gie introdott dan it-test xjentifiku fil-proceduri gudizzjarji, appena huwa necessarju jinghad illi l-Qrati taghna kienu wkoll rinfaccjati b’talbiet simili bhal dik tallum minghajr l-assistenza tat-testijiet xjentifici. Ghalhekk hija rilevanti kazistika nostrana fiz-zmien meta t-test tad-DNA kienu ghadu ma giex introdott.

“Gie deciz illi: -

"*Il-massima segwita u adottata mit-tribunali Maltin f'materja ta' filjazzjoni naturali hija illi, fl-indagini tal-paternita' naturali, hemm bzonn li jikkonkorru tliet konsiderazzjonijiet, jigifieri – (1) Illi fiz-zmien prossimu ghall-koncepiment, dak li lilu tkun attribwita l-paternita' kellu kummerc karnali ma' l-omm it-tarbija; (2) Illi l-omm, fiz-zmien fuq imsemmi, ma kelliex relazzjonijiet ma' hadd iehor; (3) Illi fl-istess zmien, u anki precedentement, hija tkun giebet ruhha b'mod tali li tkun eskluza l-possibilta' morali li hija kellha relazzjonijiet ma haddiehor.*

"*Il-kelma "precedentement" uzata fil-gurisprudenza Maltija, a propozitu tat-tielet rekwizit, giet interpretata bhala li tirriferixxi ghal zminijiet vicini ghaz-zmien tal-koncepiment, u mhux ghal kwalinkwe zmien anterjuri."* [3]

"Fuq l-istess linja ta' hsieb gie dikjarat illi:-

"*F'ricerka simili, il-morigeratezza ta' l-omm hi relativa, u ghandha tiftiehem fis-sens li hija ma tkunx uriet kostumi facili qrib il-koncepiment u fil-kors tal-gravidanza; u l-gudikant ghandu juza cirkospezzjoni kbira, billi l-prova ta' l-elementi msemmijin ghandha tirrizulta minn provi gravi, precizi u konkordanti; imma dan ma jfissirx illi l-azzjoni ghandha tigi respinta, specjalment meta r-relazzjonijiet illeciti huma ammessi mill-pretiz missier, semplicement ghaliex tirrizulta leggerezza fil-kondotta ta' l-omm, u meta tonqos il-prova li fi zmien bejn wiehed u iehor qrib ghall-koncepiment setghet kellha dawk ir-relazzjonijiet ma' ragel iehor."*[4] (decizzjonijiet li gew iccitati b'approvazzjoni fil-kawza **Charmaine Agius vs Dr Beppe Fenech Adami et noe. et** deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Mejju 2013.)

"**Provi mhux xjentifici**.

"L-attrici Glenda Farrugia welldet lill-minuri Nicole Farrugia fid-9 ta' Settembru 1995.

"Fl-affidavit taghha[5] l-attrici tiddikjara illi l-minuri twieldet mir-relazzjoni intima li kellha fuq medda ta' xhur ma' Neville Bugeja, "Jiena certa mija fil-mija li F huwa missier it-tifla tieghi. F kien l-ewwel guvni li kelli u dak iz-zmien ma kelli

---

[3] App. **Rosaria Grima noe. vs Carmelo Galea** - 16 ta' Gunju 1952;
[4] PA. **Adelaide Ore noe. vs Barry Corrison et.** - 14 ta' Ottubru 1953; ara wkoll. PA. **Spiteri pro et vs Cilia et**. – 30 ta' Jannar 1998.
[5] Fol. 45

lil hadd iktar". Tghid illi d-djar residenzjali tal-familji taghhom kienu vicin xulxin u kienu ilhom jafu lil xulxin minn meta kienu zghar. Meta bdew jitfarfru l-ewwel bdew johorgu ma' grupp ta' hbieb komuni imbaghad bdew johorgu ghal rashom. Madwar tlett xhur wara Neville Bugeja beda jidhol fid-dar tal-genituri tal-attrici.

"Dan tikkonfermah Carmen Farrugia[6], omm l-attrici, meta xhedet illi "meta Glenda kellha madwar sbatax jew tmintax-il sena bdiet tohrog ma' Neville Bugeja miz-Zurrieq. Tghid li kien jghaddi ghaliha bil-karrozza tieghu u li kien l-ewwel 'boyfriend' taghha. Tghid li kien l-uniku guvni li dahal id-dar taghha. Rita Grech, iz-zija tal-attrici, xehdet illi taf li l-attrici u Neville Bugeja kienu johorgu flimkien ghaliex diversi drabi kienu marru flimkien id-dar taghha. Saverina Farrugia, zija ohra tal-attrici, iddikjarat li taf li l-attrici kienet tohrog ma' Neville Bugeja u saret tafu l-ewwel darba meta l-attrici haditu d-dar taghha. Tghid ukoll li fid-diskors taghha mal-attrici u l-familja taghha kienu jirreferu ghal Neville Bugeja bhala l-'boyfriend' tal-attrici.

"Sew l-attrici kif ukoll ommha xhedu illi omm Neville Bugeja meta saret taf bit-tqala tal-attrici uriet ix-xewqa taghha li l-attrici u binha jizzewgu. Ghalhekk offritilhom li taghtihom parti mid-dar taghha biex fiha jirrisjedu flimkien meta jizzewgu. L-attrici xehdet ukoll illi meta marret ghall-ewwel darba ghand il-*gynaecologist*, hija kienet akkumpanjata minn ommha u minn Neville Bugeja. L-attrici tghid illi meta kellha madwar erba' jew hames xhur tqala hija hassret minn ma' Neville Bugeja u omm Neville Bugeja biddlet l-attitudni taghha maghha u bdiet ixxerriedha mar-rahal fejn joqghodu li i t-tarbija li kienet qed iggorr ma kinitx ta' binha.

"Ghalkemm Salvina Bugeja tikkontradixxi l-verzjoni tal-attrici f'diversi aspetti taghha, tikkonferma fl-affidavit taghha[7] illi binha Neville kien beda jidhol fid-dar tal-genituri tal-attrici.

"Jirrizulta illi l-attrici u Neville Bugeja kienu bdew johorgu flimkien ghal habta ta' Novembru 1994 u madwar xahar jew xahrejn wara l-attrici harget tqila.

[6] Affidavit a fol. 49
[7] Affidavit a fol 81

“Salvina Bugeja issostni fit-testimonjanza taghha illi binha kien jghidilha “ma jien b’li ghamilt m’ghandux ikollha tfal”. Il-konvenuta E pero’ ma specifikatx jekk dan id-diskors intqalx qabel mal-attrici u binha hassru jew wara. Lanqas jirrizulta jekk Salvina Bugeja iddiskutitx x’ried jghid bih dak id-diskors. Mehud fil-kuntest tieghu il-Qorti tifhem id-diskors ta’ Neville Bugeja iccitat minn ommu Salvina Bugeja bhala dikjarazzjoni li kellu relazzjoni intima mal-attrici izda kien ha l-prekawzjonijiet sabiex l-attrici ma tinqabadx tqila. Kieku d-decujus ried jiddikjara li ma kellux tali relazzjonijiet intimi wiehed kien jistenna semplicement dikjarazzjoni li qatt ma kellu relazzjonijiet intimi mal-attrici jew li kien impossibbli li harget tqila minnu ghaliex qatt ma kellu relazzjonijiet intimi maghha.

“Reuben Agius u Godfrey Seisun, iz-zewg persuni indikati minn Salvina Bugeja li setghu kienu missier il-minuri, it-tnejn xhedu u cahdu li kellhom relazzjonijet intimi mal-attrici u stqarrew li lill-attrici kienu jafuha biss bhala hbieb.

“**Konsiderazzjonijiet finali**.

“Wara li l-Qorti fliet bir-reqqa ix-xhieda kollha migjuba hija tal-fehma li l-attrici irnexxielha li tipprova sodisfacentement illi fiz-zmien prossimu ghall-koncepiment tal-minuri Nicole Farrugia, l-attrici u Neville Bugeja kellhom rapporti intimi konducenti ghall-koncepiment tal-minuri; illi fiz-zmien prossimu ghall-koncepiment l-attrici ma kellhiex rapporti sesswali ma’ terzi; illi fl-istess zmien il-komportament tal-attrici jeskludi li kellha relazzjonijiet sesswali ma’ haddiehor.

“Ir-rizultanzi mit-testijiet tad-DNA kondotti mill-esperta gudizzjarja Dr Marisa Cassar, ghalkemm huma deficjenti minn certu aspett minhabba t-trapass taz-zmien minn fuq it-tessut disponibbli ghall-analizi, huma tali li joffru korroborazzjoni accettabbli ghar-rizultanzi processwali l-ohra. Fi kliem iehor, abbinati l-provi kollha imressqa flimkien mar-rizultanti xjentifici, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-mejjet Neville Bugeja huwa l-missier bijologiku tal-minuri l-attrici Nicole Farrugia. L-attrici irnexxielha tressaq provi sufficjenti sabiex inisslu f’mohh il-gudikant dak il-konvinciment morali necessarju sabiex tasal ghall-konkluzjoni illi fil-fatt Neville Bugeja huwa l-missier bijologiku tal-minuri Nicole Farrugia.

> “Fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, ghalkemm strettament il-parti sokkombenti f’din il-kawza hija l-kuratrici Salvina Bugeja, tenut kont tac-cirkostanzi eccezzjonali ta’ dan il-kaz, il-Qorti tirritjeni li jkun gust li l-ispejjez gudizzjarji jigu sopportati nofs mill-attrici u nofs mill-konvenuta kuratrici Salvina Bugeja.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta Salvina Bugeja nomine li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka u tbiddel is-sentenza msemmija billi tilqa’ l-aggravji taghha;

Rat ir-risposta tal-attrici li permezz taghha fil-waqt li opponiet ghat-talbiet tal-appellanti, talbet li s-sentenza tigi konfermata;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Gunju 2014 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukat tal-attrici tratta l-appell;

Ikkonsidrat:

**L-EWWEL AGGRAVJU**

L-ewwel aggravju huwa wiehed proceduralі fis-sens li l-appellanti qed tinvoka n-nullita` tal-azzjoni ghaliex giet istitwita kontra ‘l-mejjet Neville Bugeja’.

Kif sewwa irrimarkat l-ewwel Qorti dan in-nuqqas kien sanabbli u gie effettivament sanat permezz tad-digriet tat-12 ta' Jannar 2006 li minnu jirrizulta li l-okkju gie jaqra kif fuq indikat.

Ghalhekk dan l-aggravju huwa michud.

**IT-TIENI AGGRAVJU**

Fit-tieni aggravju taghha l-appellanti tinsisti fuq l-eccezzjoni taghha illi l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi ghaliex l-allegat missier issa huwa mejjet – fil-fatt sfortunatament lahaq miet qabel ma twieldet il-minuri.

Dwar dan l-ewwel Qorti qalet li l-Artikolu 86A li jipprovdi dwar talba ta' omm ta' iben imnissel barra miz-zwieg li ma jkunx gie maghruf mill-missier biex jigi rikonoxxut il-missier jghid li din it-talba tista' ssir f'kull zmien. Il-Qorti kompliet tghid li ma hemm xejn f'dan l-artikolu li jghid li l-missier ghandu jkun haj meta ssir it-talba u ghamlet riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Abdilla v. Direttur tar-Registru Pubbliku** (11 ta' Lulju 2013) fejn gie deciz li l-missier kien persuna li mietet qabel giet intavolata l-kawza.

Din il-Qorti taqbel ma' dan ir-ragunament.  Fil-kamp civili ma taghmilx differenza jekk persuna potenzjalment interessata hijex hajja jew mejta, u jekk 'debitur' fis-sens l-aktar wiesgha tal-kelma jkun miet sakemm giet intavolata l-kawza (jew wara) jista' xorta jigi citat purche` naturalment huwa jkun debitament rapprezentat skont il-ligi.  Jekk jigi accettat l-argument tal-appellanti, allura kull kreditur jista' jibqa' ma jithallasx jekk id-debitur tieghu imut.  Fuq kollox kif qalet l-ewwel Qorti, 'ubi voluit lex dixit' u ma jirrizulta minn imkien li kawza bhal dik odjerna ma tistax issir jekk l-allegat missier ikun miet.

**IT-TIELET  AGGRAVJU**

Dan l-aggravju jikkoncerna t-test tad-DNA li sar minn fuq il-fdalijiet tal-mejjet.

Wiehed ghandu jghid li din hija kwistjoni delikata li fic-cirkostanzi tal-kaz jisthoqqilha ezami approfondit.  Dan ghaliex peress li l-fdalijiet kienu ilhom midfuna hafna snin u kien hemm problemi ambjentali illi rrendew l-ezami aktar difficli min-normal, l-appellanti ssostni li:

> "Illi tenut kont tal-fatt illi l-esperti ma kellhomx profil shih u adegwat li fuqu seta' jsir test u jinghata rizultat konklussiv, fl-umli opinjoni tal-esponenti l-ewwel Qorti u ppekkat meta hija, filwaqt illi rrikonoxxiet d-deficjenza tal-istess,

ma skartatx it-test ghal kollox izda qieset ir-rizultat miksub, anke jekk deficjenti, bhala prova probatorja. Illi kif spjegat aktar kmieni, il-profil tad-DNA analizzat kellu mankanti informazzjoni essenzjali u vitali ghas-success tat-test. Dik l-informazzjoni nieqsa hija materjali ghall-validita` tat-test innifsu. Konsegwentement, kwalunkwe rizultat li seta' inkiseb huwa ivvizzjat u monk u ma tista' ghalhekk tikkostitwixxi l-ebda forma ta' prova ta' paternita`;" Sottolinear tal-ewwel Qorti.

Huwa cert pero` li nonostante dak li inferiet l-appellanti fir-rikors tal-appell taghha, l-ewwel Qorti ma bbazatx id-decizjoni esklussivament fuq it-test tad-DNA. Infatti l-Qorti stess qalet illi '*mehud wahdu ir-rizultat xjentifiku milhuq mill-Esperta Gudizzjarja Dr Marisa Cassar ma jwassalx ghac-certezza morali li normalment test tad-DNA jipprovdi...'.* Il-Qorti ghalhekk, abbinat dak li rrizulta mit-test mal-provi l-ohra li hija semghet u gabret quddiemha. Fil-fatt, kif ukoll qalet il-Qorti, qabel ma gie introdott dan it-test il-qrati kien ukoll ikollhom kawzi simili u kienu jigu decizi bhal kull kawza ohra skont il-provi li kienu jingabru.

Tajjeb wiehed ifakkar li r-regoli normali tal-procedura japplikaw ukoll ghal dawn il-kawzi kif se jigi iccarat aktar 'il-quddiem. Allura dawn il-kawzi jridu jigu decizi *iuxta allegata et probata* u skont ir-rizultanzi fattwali ippruvati (**Vol LXXIV – ii- 869**). Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta fl-interpretazzjoni taghha tar-regoli tal-procedura f'dan ir-rigward u dan ghaliex fil-waqt li irrikonoxxiet id-deficjenzi tat-test imsemmi f'dan il-kaz, irriteniet li ir-rizultanzi tieghu nonostante dan, setghu u fil-fatt ghenuha tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

Jirrizulta infatti li mill-profil mehud ma kien hemm xejn inkonsistenti bejn dak tal-mejjet u tal-minuri (deposizzjoni tal-perit mahtur Dottor Scerri fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2011). L-opinjoni generali tal-esperti nominati mill-Qorti kienet li r-rizultat kien sodisfacenti cirka 90 fil-mija skont l-istess Dr Scerri izda l-ewwel Qorti ma strahitx esklussivament fuq ir-rizultanzi tat-test izda hadet in konsiderazzjoni l-fatturi l-ohra tal-kawza u senjatament il-provi l-ohra li tressqu matul il-kors taghha.

**IR-RABA' AGGRAVJU**

F'dan l-aggravju l-appellanti ssostni li ma sarx apprezzament tajjeb mill-ewwel Qorti tal-provi migbura quddiemha.

Ghandu jinghad mill-ewwel li ghal appuntu dak li huwa apprezzament tal-fatti, din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phylis Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti".* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta'*

*fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor".*

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil,** Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001); madankollu "*Din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza wkoll li d dover taghha xorta huwa li tesamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja* (**Attard et v. Direttur tas-sahha,** Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014).

Kif wiehed jista' jara mill-atti tal-kawza hemm provi konfliggenti dwar ir-relazzjoni bejn il-mejjet u l-appellata fix-xhur qabel it-twelid tal-minuri. F'gudizzju civili l-Qorti trid tiddeciedi fuq *il-preponderanza tal-probabbiltajiet* **Zammit v. Petroccochino**, (Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952 ); il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabbiltajiet; *b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo'* – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003).

Din il-Qorti kif doveruz, ezaminat l-atti u fliet sewwa l-provi li ngabru u jidrilha li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni gusta fl-evalwazzjoni tal-provi li semghet. Certament ma rrizultawx lil din il-Qorti *ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubbju ragonevoli fuq il-gustizzja tal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti* (**Formosa v. Debono** – supra). Kif qalet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Elena Mallia et v. Charles Sant Fournier et** (deciza fit-28 ta' Frar 2014) "*fil-kamp civili ghal dak li hu l-apprezzament tal-provi il-kriterju mhux dak jekk il-gudikant jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex fic cirkostanzi zvarjati tal-hajja verosimili. Dan fuq bilanc ta' probabbiltajiet, sostratt baziku tal-azzjoni civili in kwantu dawn, mal-preponderenza tal-provi generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif pacifikament maghruf ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubbju ragonevoli* (**Bugeja v. Meilak**, deciza 30 ta' Ottubru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili).

Kif qalet tajjeb l-ewwel Qorti, ma hemmx dubbju li l-attrici u Neville Bugeja kienu f'relazzjoni fiz-zmien indikat u dak li l-konvenuta innifisha xehdet u cioe` li binha kien qalilha li '*b'li ghamilt ma ghandux ikollha tfal'* huwa indikazzjoni li huma kien ikollhom relazzjoni karnali bejniethom u skont hu, kienu hadu l-prekawzjoni biex l-appellata ma tohrogx tqila. Din il-Qorti zzid li wiehed ghandu jiftakar li dan id diskors Neville qalu lil ommu u allura seta' kien il-kaz li huwa kien qieghed kif nghidu, 'jilqa lilu innifsu' minn dak li kienet se tghidlu

ommu, specjalment jekk dan id diskors sar wara li l-appellata harget tqila – dan ma johrogx car mill-atti imma jista' ragonevolment jigi ikkonsidrat li hekk sar.

L-appellanti tenfasizza hafna fir-rikors tal-appell dwar il-fatt li bejn meta l-appellata harget tqila u l-mewt ta' Neville, l-istess appellata tramite l-Avukat taghha kienet baghtet ittra lill-istess Neville biex ma jersaqx lejha jew il-familja taghha.  Dan ghaliex f'dak il-perjodu huma kienu hassru bejniethom.  Dan skont l-appellanti jikkontrasta mal-allegazzjoni tal-appellata li Neville kien missier it-tarbija li kien se jkollha.   Madankollu l-Qorti ma tara ebda kontradizzjoni f'dan.  L-appellata li f'dak iz-zmien kienet ghadha kif hassret minn ma' Neville ma riditux jersaq lejha ghaliex wiehed jista' jifhem l-istat tal-hsiebijiet taghha meta kienet tqila minn persuna li maghha hassret l-gherusija jew ir-relazzjoni li kellha mieghu.

Dwar l-allegazzjonijiet tal-appellanti li l-appellata kellha relazzjoni intima ma' persuni ohra, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li din ma kinietx sufficjentement pruvata u l-istess persuni imsemmija mill-appellanti fir-rigward cahdu din l-allegazzjoni meta xehdu.

**IL-HAMES  AGGRAVJU**

Dan l-aggravju jirrigwardja l-ispejjez; l-appellanti qed tilmenta li giet kundannata thallas nofs l-ispejjez meta f’din il-kawza hija qeghda fil-vesti ta’ kuratrici. Barra minn hekk naturalment l-appellanti qed titlob li l-ispejjez jigu addossati lill-appellata in kwantu qed titlob ir-revoka tas-sentenza.

Din il-Qorti taqbel mal-appellanti li fl-ewwel istanza hija kellha tigi ordnata thallas l-ispejjez bhala kuratrici u **mhux personalment** u dan ghaliex f’dik il-kawza hija kienet qed tagixxi bhala tali. Pero` kienet f’din il-vesti li l-ewwel Qorti ikkundannatha thallas nofs l-ispejjez u allura lanqas f’dan ir-rigward m’ghandha raguni tilmenta mid-decizjoni tal-Qorti; infatti s-sentenza tispicca bil-kliem “*in nofs l-iehor mil-konvenuta kuratrici Salvina Bugeja*”. Lanqas ma tista’ twahhal fl-attrici li l-ispejjez gholew minhabba t-testijiet tad-DNA ghaliex dawn gew ikkawzati bl-intransigenza taghha li tikkontesta l-kawza ghalkemm naturalment kellha kull dritt li tikkontesta l-kawza kif dehrilha. Naturalment ukoll kif thallas l-ispejjez hija affari taghha ghaliex huwa immaterjali jekk thallasx f’isimha jew bhala kuratrici.

Dan japplika ukoll f’dan ir-rigward ghall-ispejjez tal-appell u b’applikazzjoni tal-Artikolu 223 tal-Kodici tal-Procedura l-appellanti ossija l-konvenuta nomine se tigi ordnata thallas dawn l-ispejjez.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu ghal kollox u tikkonferma interament is-sentenza appellata kompriz il-kap tal-ispejjez.

L-ispejjez tal-appell a kariku tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------